MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 798/1997/1

Vincent Camilleri
vs
Chairman, Kalaxlokk Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u ezattament fid-data imsemmija aktar 'l isfel sofra ingustizzja billi gie trasferit mill-kumpanija intimata.

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz fil-qosor kienu dawn.

Illi hu kien impjegat mal-Public Works Department izda sekondat mal-kumpanija intimata meta f'Mejju 1988 wara li deher fuq it-television f'attivita` tal-Malta Labour Party gie trasferit lura mal-PWD ghalkemm kien hemm min kien gie sekondat warajh b'rizultat li tilef allowance mensili sostanzjali.

Illi hu sostna dan l-ilment permezz tax-xhieda indikati.

Ghaldaqstant talab li dan it-Tribunal jisma’ u jiddeciedi dwar ir-rikors skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u jaghtih ir-rimedju billi jigi kumpensat ghall-allowances li tilef f’ammont li ma jeccedix is-somma ta’ Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta` Kalaxlokk Company Limited li eccepixxa:

Illi r-rikorrent ilmenta li hu sofra ingustizzja ghax meta kien sekondat mal-kumpanija intimata, wara li deher fuq it-television f’attivita` politika hu kien gie trasferit lura mal-Public Works Department.

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent stante li fir-realta` t-talba tar-rikorrent ma tirrigwardax trasferiment benche t-terminazzjoni ghas-secondment tieghu mal-kumpanija. L-ilment veru tar-rikorrent, ghalhekk, ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997. Infatti terminazzjoni ta’ sekondment ma tinkwadrax ruhha fl-ebda wiehed mil-paragrafi (a) sa (e) ta’ l-ewwel subinciz ta’ l-imsemmi artikolu 6. Huwa car li din l-allegazzjoni ma taqax taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (c) sa (e) tal-imsemmi subinciz. L-allegazzjoni tar-rikorrent lanqas ma tinkwadra ruhha la taht il-paragrafu (a) u l-anqas taht il-paragrafu (b) ta’ l-imsemmi subinciz (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni.

In fatti kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b) jitkellmu dwar “hatriet promozzjonijiet jew trasferimenti” ta’ ufficjali pubblici jew ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi. L-ebda wiehed minn dawn il-paragrafi ma jindika “terminazzjoni ta’ secondment” bhala bazi li tirradika l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Ghaldaqstant ilment dwar terminazzjoni ta’ secondment ma jista’ jkun qatt ikkunsidrat minn dan it-Tribunal.

Jinghad ukoll ghall kull buon fini li “terminazzjoni ta’ secondment” qatt ma tista’ tigi interpretata bhala “trasferiment”. Madankollu anke li kieku ghas-sahha ta’ l-argument “terminazzjoni ta’ secondment” kellha titqies bhala “trasferiment” xorta wahda dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jikkunsidra dan l-ilment tar-rikorrent. Skond l-artikolu 2 tal-Att in kwistjoni, “ufficjal pubbliku” ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. Ma jistax ikun hemm dubju li r-rikorrent kien ufficjal pubbliku ghax hu stess jghid fir-rikors tieghu li “kien impjegat tal-Public Works izda issekondat mal-kumpanija”. L-istess kliem tar-rikorrent ma jhalli l-ebda dubju li r-rikorrent stess jammetti li hu baqa’ impjegat tal-Public Works anke meta huwa kien sekondat ma’ Kalaxlokk Company Limited. Ir-rikorrent ghalhekk qatt u fl-ebda mument ma kien impjegat tas-socjeta` intimata. Huwa ovvju li socjeta` kummercjali, anke jekk il-Gvern ikollu “shareholding” sostanzjali fiha, qatt ma tista’ tkun f’posizzjoni li taghti “trasferiment” lill-ufficjal pubbliku u li ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu taht dan il-paragrafu. Se mai, huwa d-Dipartiment tal-Gvern koncernat li ghandu l-poter li jaghti ‘transfer lill-ufficjal pubbliku u mhux semplici socjeta` bhal ma hija dik intimata.

Similment l-ilment tar-rikorrent ma jistax jinkwadra ruhu taht il-paragrafu (b) ghax kif diga` gie spjegat iktar ‘il fuq r-rikorrent qatt ma kien impjegat ta’ Kalaxlokk Company Limited u ghalhekk qatt ma kien impjegat ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi.

Illi galadarba l-ilment tar-rikorrent dwar it-terminazzjoni tas-secondment tieghu ma jindwadrax ruhu taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tas-subinciz wiehed (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni, dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkunsidra dan l-ilment tar-rikorrent fir-rigward ta’ l-intimat u ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrent kontra l-intimat ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga` ntqal, fil-mertu, ma saret l-ebda ingustizzja mar-

rikorrent. Dan qed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

(a) Ir-rikorrent allega li s-secondment tieghu mal-intimat kien gie terminat f'Mejju ta' l-1988 wara li deher fuq it-television f'attivita` tal-Malta Labour Party. Ovvjament jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova dak li qed jallega. Min-naha taghha, s-socjeta` intimata tirrifjuta kategorikament bhala infondata l-allegazzjoni tar-rikorrent. Inoltre, s-socjeta` intimata tirrileva li mill-1988 sal-lum, il-haddiema involuti fil-progett tal-bini tal-Freeport naqsu minn izjed minn elf u sitt mitt (1600) bniedem ghal anqas minn hames mija (500). Meta wiehed jiehu kont ta' dan il-fatt, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar it-terminazzjoni tas-secondment tieghu ma jistghux jreggu. Il-fatti juru l-verita` u l-verita` hi li l-kumpanija rejalizzat li kellha workforce (bejn impjegati u haddiema sekondati maghha minn mal-Gvern) iktar milli kellha bzonn u ghalhekk ddecidiet li bil-mod il-mod tnaqqas il-workforce taghha skond il-htigijiet tax-xoghol.

b) Ir-rikorrent ilmenta wkoll li b'rizultat tat-terminazzjoni tas-sekondment tieghu mas-socjeta` intimata hu tilef allowance mensili sostanzjali. Huwa ovvju li jekk ir-rikorrent kien qed jippercipixxi xi "allowance mensili sostanzjali" mentri kien sekondat mas-socjeta` intimata huwa kien qed jaghmel dan minhabba n-natura tax-xoghol li kien qed jaghmel waqt li kien hekk sekondat. Huwa daqstant ovvju li galadarba secondment min-natura tieghu huwa ta' natura temporanja u qatt ma hu permanenti, ir-rikorrenti kien jaf jew missu kien jaf li kien ser jasal zmien meta s-socjeta` intimata ma kienx ser jibqalha bzonn tas-servizzi temporanji tieghu u li ghalhekk hu kien ser jerga' jmur lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bil-konsegwenza necessarja li ma jibqax jippercepixxi l-imsemmija "allowance mensili sostanzjali". Fi kliem iehor, ir-rikorrent kien jaf jew missu kien jaf li tali allowance kien ser tkun ghal zmien limitat u mhux ghal dejjem u ghalhekk issa ma jistax jilmenta li saret mieghu xi ingustizzja ghax ma baqax jippercepixxi tali allowance.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li r-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li kkonferma l-kontenut tar-rikors u semma li kif bdiet il-kumpanija Kalaxlokk, ghall-habta ta' l-1981, hu kien wiehed mill-ewwel nies li kien gie seconded maghha. Qal li dak iz-zmien hu kien President taz-Zghazagh Socjalisti ta' Rahal Gdid u xi granet wara t-28 ta' April 1981 kienet ser issir opening ghal xi exhibition fejn kien ser ikun hemm mistiedna l-kap tal-partit, u hu bhala President kellu jaghmel introduzzjoni fid-diskors u kien deher fuq it-television. Semma li xi gimgha jew ghaxart ijiem wara li deher fuq it-television kien gie trasferit ghall-Public Works Department.

Zied jghid li kull min kien seconded f'Kalafrana kellu differenza fil-paga minn min kien jahdem fid-Dipartiment tax-Xogholijiet u dan peress li jiehu the maximum of the next grade. Qal li meta gie trasferit il-paga tnaqqsitlu. Semma li f' Kalafrana hu kien ikun imgieghel jaghmel l-overtime u meta gie trasferit tilef madwar 485 siegha f'time off in lieu u ghalhekk ilmenta ghad-differenza fil-paga li kienet tammonta ghal madwar Lm60 fix-xahar. Qal li ghal habta ta' l-1992-1993 gie trasferit ghall-Planning Authority u semma li min kien seconded warajh mal-Kumpanija Kalaxlokk kien baqa` hemmhekk ghal hafna snin.

Semma li hu rabat it-trasferiment tieghu ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet mal-fatt li kien deher fuq it-television ghax

hu kien l-ewwel wiehed li kien gie sekondat mal-Kalaxlokk malli bdiet u qal li sa fejn kien jaf hu kien hemm it-teorija ta' 'first come – last go' izda fil-kaz tieghu ma gietx implimentata. Qal izda li ma kienx jaf jekk il-kumpanija in generali, fit-twaqqif tas-secondments kenitx timxi b'dak il-principju jew le.

Qal li meta gie trasferit, il-Kalaxlokk kien qed jiehu hsieb progett jew tal-Front ta' tas-Sliema jew ta' San Giljan u spiccaw minghajr Surveyor. Kompla jghid li kienu jcemplulu biex ikompli fuq dak ix-xoghol f'isem id-Dipartiment tax-Xogholijiet. Qal li qabel it-twaqqif tas-secondment tieghu, ma jafx li kien hemm Surveyors li twaqqfilhom is-secondement taghhom u dwar persuni ohra ma kienx jaf jghid dwarhom. Qal izda li warajh kien hemm Surveyors kif ukoll impjegati ohra li twaqqfilhom is-secondement b'dan li l-kumpanija spiccat b'100 ruh.

Zied li fis-section tas-Surveyors hu kien fil-grad ta' Technical Officer II. Semma lil Samuel Brincat u Joseph Bianco fost ohrajn li kienu gew warajh u li kienu jahdmu mieghu, li skond hu kellu jitwaqqaf is-secondment taghhom qabel tieghu jew ma' tieghu. Qal li eventwalment dawn il-persuni wkoll spiccaw mill-Kalaxlokk izda ma jafx jekk intbaghtux lura l-Public Works u Joseph Bianco kien dam snin warajh fil-Kalaxlokk tant li anke nghata promozzjoni. Semma li kieku staqsewh jekk jirrizenjax mid-Dipartiment tax-Xogholijiet biex isir impjegat tal-Kalxlokk forsi kien jehodha in konsiderazzjoni izda dan ma sehhx.

Gie prezentat affidavit ta' Edwin Mamo li ghandu l-kariga ta' Manager Amministrattiv mal-kumpanija Kalaxlokk li fih intqal li li l-Kalaxlokk twaqqfet f'April 1986 u l-iskop kien li jitwaqqaf il-Freeport u kien hemm 1910 haddiem bejn tal-Gvern u sekondati mal-kumpanija. Qal li f' Dicembru 1986 kien gie deciz mill-Bord tad-Diretturi li kellhom jitnaqqsu l-haddiema u fil-fatt fit-2 ta' Jannar 1987 kienu gew mibghuta lura mal-Gvern Perit u ftit wara Senior Officer, Technical Officer u Manager. Qal li b' rata konsistenti beda jitnaqqas in-numru ta' haddiema li kienu sekondati minn mal-Gvern u li r-rikorrent messu wara

madwar 60 impjegat iehor. Spjega li l-ewwel fil-lista tal-haddiema li bdew jigu tterminati mis-secondment kienu f' supervisory grades, skrivani, u l-ahhar fil-lista kienu d-drivers, fitters u surveyors. Qal li sa Dicembru 1992 kien baqa' 700 haddiem li minnhom 18 biss kienu sekondati minn mal-Gvern. Semma li f'Novembru 1994 il-haddiema li kien baqa' kienu sekondati mal-Kumpanija Novita u fl-1998 il-Kumpanija Novita rritornat il-haddiema kollha lura lejn il-Kumpanija Kalaxlokk. Qal li llum baqa' 135 haddiema li minnhom wiehed biss hu sekondat minn mal-Gvern.

Haddiema li kienu sekondati minn mal-Gvern kienet tinhargilhom allowance ghax il-pagi tal-haddiema tal-kumpanija kienu ahjar. Esebixxa skeda Dokument EM1 riferibbli ghall-haddiema sekondati bil-grad u bid-data meta spicca s-secondment (fol 66 sa 70 tal-process). Spjega li r-rikorrent kien messu li jigi terminat lilu s-secondment mal-grupp ta' 20 li messhom wara 49.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi s-socjeta` intimata eccepiet l-inkompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** minhabba li l-kaz jirreferixx ghal terminazzjoni ta' secondment. Din l-eccezzjoni giet michuda fis-26 ta' Ottubru 2000 meta t-Tribunal iddecieda li dan ma jirrigwardax terminazzjoni ta' impjieg tant li r-rikorrent ma spiccax unemployed u anqas seta' jirrikorri quddiem it-Tribunal ghar-Relazzjonijiet Industrijali izda kien jittratta trasferiment lura u ghalhekk iddikjara ruhu kompetenti.

L-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg aspetti u cioe` fuq nuqqas ta' hlas jew tehid ta' time off in lieu ta' numru ta' sieghat li r-rikorrent hadem mal-Kalaxlokk kip ukoll ta' terminazzjoni ingusta ta' secondment. Riferibbilment ghall-hlas ta' overtime jinghad li diversi drabi dan it-Tribunal iddecieda li hlas ta' overtime mhux inkluz fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal u bl-istess mod anqas it-tehid ta' sieghat ohra flok it-time off in lieu. Ara sentenza Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru 1999. Ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li t-talba dwar hlas ta'

overtime tezorbita mill-kompetenza tieghu ***ratione materiae***.

Irrizulta li r-rikorrent kien haddiem dedikat u jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu u li ma kienx hemm ilmenti dwaru. Irrizulta pero` li kienet ittiehdet decizjoni sa mill-1986 li n-numru ta’ haddiema mas-socjeta` intimata kellu jonqos notevolment u li allura d-decizjoni li r-rikorrent jigi trasferit lura kienet in linea ma’ tali decizjoni. Illi ghalhekk ir-rikorrent ma ghandux dritt jilmenta fuq il-fatt li gie trasferit lura. Izda fil-kors tal-kawza u fit-trattazzjoni finali l-konsulent legali tar-rikorrent ghamel enfasi fuq il-fatt li r-rikorrent ghalkemm kien wiehed minn tal-ewwel li dahal jahdem mas-socjeta` intimata, kien wiehed minn tal-ewwel li gie trasferit lura, u dan in segwitu li kien deher fuq programm televiziv mal-partit politiku oppost tal-Gvern tal-gurnata. Meta wiehed jezamina l-iskeda esebita mis-Sur Mamo a fol 66 sa 70 tal-process isib li kien hemm hames Technical Officers li gew trasferiti lura qablu izda li kien hemm 19 li gew trasferiti warajh u ghalhekk it-Tribunal isib li ghalkemm it-trasferiment lura kienet decizjoni li setghet tittiehed fl-istess hin fil-konfront tar-rikorrent ittiehdet wisq malajr, u ghalhekk f’ dan ir-rigward jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata u jilqa’ t-talba tar-rikorrent kif inghad hawn fuq.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jqis li r-rikorrent ghandu jkollu dritt ghal kumpens izda kif imsemmi hawn fuq u ghalhekk peress li jsib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ hames mitt Lira (Lm500).

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------